MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2006

Talba Numru. 1052/2004

**Philip Borg**

**Vs**

**Anthony u Antoinette mizzewgin Tonna**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta Mejju 2004 fejn intalab li l-konvenuti ghandhom jigu kkundannati li jroddu lura fil-pussess tieghu bieb tal-Eroko u xambrella proprjeta tieghu li jinsabu fl-appartament 71/12 The Strand, Sliema mixtri u akkwistat mill-konvenuti minn ghand Marlene Camilleri jew inkella l-valur tieghu li jammonta ghal Lm200.

Ra r-risposta tal-konvenuti datata 4 ta Gunju 2004 fejn ikkontestaw it-talba attrici in vista tas-segwenti:-
a) L-inkompetenza ta dan it-Tribunal rationae materiae peress illi t-talba attrici ma hiex semplici money claim stante li t-Tribunal ikun irid jidhol fl-aspett dwar min hu l-proprjetarju tal-bieb qabel ma jghaddi biex jikkundanna lil xi hadd ghal hlas tieghu r-responsabbilita tal-incident in kwistjoni u kwindi l-ispejjes ghandhom jithallsu mill-attur.
b) Nuqqas ta nteress guridiku da parti tal-attur stante li ma hux il-proprjetarju tal-bieb;
c) Illi l-konvenuti ma humiex fil-pussess ta oggetti appartententi lill-attur.

Illi fil-verbal tas-seduta tat-23 ta Frar 2005 l-attur iddikjara li kien qed jirtira t-talba tieghu ghar-ripresa tal-oggetti pero il-konvenuti xorta wahda zammew ferma u mpregudikata l-ewwel eccezzjoni taghhom peress illi t-Tribunal ma ghandux il-kompetenza sabiex jindaga min huwa l-proprjetarju tal-bieb.

Ra l-provi prodotti nkluz id-dokumenti esebiti.

Sema t-trattazzjoni orali tal-abbli difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Marlene Camilleri li tigi oht l-attur tghid fl-affidavit taghha li hija kienet il-proprjetarju tal-appartament li kien inbiegh lill-konvenuti. Illi maghhom kienet ftiehmet biex tiehu xi oggetti minnu fosthom il-bieb tal-eroko u meta marret ghalih ma sabitux hemmhekk. Tghid li dan il-bieb kien jappartjeni lil huha l-attur u meta l-konvenut talab biex izommu ghalhekk ma setghetx tghidlu iva peress li ma kienx taghha. Tghid li dan il-bieb kien jiswa madwar Lm200 u li kienet bieghtithu lil huha xi sena qabel il-bejgh tal-appartament.

L-attur ighid li fl-appartament ta ohtu kien hemm zewg bibien u mhux wiehed tal-eroko u li dawn kienu nqalghu minn posthom biex idawwlu aktar lill-appartament. Ighid li huwa kien wasal fi ftehim ma ohtu ghal habta tas-sena 2000 li jinghata dawn il-bibien biex iwahhalhom fix-

showroom tieghu bhala kumpens ghal xoghol li kien ghamlilha. Tliet snin wara dan il-ftehim ohtu bieghet id-dar lis-sinjuri Tonna u skond hu din qaltilhiom li xtaqet izzom certi oggetti ghaliha fosthom dawn iz-zewg bibien tieghu. Meta baghat lil xi hadd ghalihom dan sab bieb wiehed biss. Meta kellem lil Tonna dan qallu li kien ghat-tiswija. L-attur jallega li kien hemm diskors bejniethom li Tonna jzomm bieb wiehed u jaghmillu tnejn ohra godda ghax-showroom tieghu pero dan baqa ma mmaterjalizzax. Illi ghalhekk l-attur ha u zamm bieb wiehed filwaqt li l-bieb l-iehor tranga mill-konvenut u qieghdu fl-appartament tieghu. Kien l-istess attur li vvaluta l-bieb li baqa ma hax fis-somma ta Lm200. In kontro-ezami l-attur jikkonferma li ma kienx proprjament xtara l-bibien izda ohtu kienet tghathomlu sabiex jinnegozjhom fil-hanut tieghu. Ighid li l-ircevuta datata 2001 kien harigha wara li kien intalab mill-avukat ta Tonna u cioe allura nharget fi zmien recenti u giet *backdated.*
Armando Spiteri mibghut mill-attur biex jigbor il-bibien mill-appartament tal-konvenuti jikkonferma li sab wiehed biss. Jiftakar li nqalghet tilwima bejn l-attur u l-konvenuti dwar dan il-bieb nieqes peress li l-konvenuti baqghu jinsistu li riedu jzommu bieb wiehed. F'dan l-argument ighid li kienet prezenti wkoll Marlene Camilleri.

Illi l-attur esebixxa dokument markat Dok RFA 1 a fol 29 tal-process konsistenti f'ricevuta fl-ammont ta Lm500 prezz ta zewg bibien Eroco li Marlene Camilleri allegatament rceviet minnghand huha l-attur.
It-Tribunal jinnota diversi nkonsistenzi dwar il-kontenut ta dan id-dokument fosthom li i. igib id-data ta l-10 ta Frar 2001 meta l-attur stess xehed li ftiehem ma ohtu fis-sena 2000 ii. dan id-dokument huwa suppost prova li ghaddew il-flus fuq bejgh meta l-attur stess xehed li dawn gew moghtija lilu b'tpacija ghal xoghol u mhux b'titolu ta bejgh u li ma ghaddew ebda flus iii. li l-attur kien ivvaluta nofs bieb ghal Lm200 filwaqt li l-ircevuta titkellem fuq Lm500 ghal tnejn iv. Marlene Camilleri tghid li bieghet il-bibien lil huha xi sena qabel il-bejgh tal-appartament u cioe allura fis-sena 2003 stante li l-kuntratt ta bejgh sar fis-sena 2004;

L-attur ipprezenta dokument iehor markat Dok RFA 2 a fol 30 tal-process konsistenti fi kwotazzjoni ta bieb. It-Tribunal jinnota li dan id-dokument ftit li xejn fih valur probatorju u dana ghas-segwenti ragunijiet: i. Ma jinsabx iffirmat minn min irrilaxxjah ii. Min irrilaxxjah ma giex jikkonferma l-istess bil-gurament iii. Ma ngabet ebda prova kif inharget tali stima u jekk dan qieghedx jitkellem fuq l-istess tip ta bieb o meno.

Illi ghalhekk it-Tribunal huwa ferm suspettuz fuq il-prova li l-attur ittenta jressaq biex juri li huwa kien fil-fatt il-proprjetarju tal-bieb in kwistjoni u certament ma rnexxilux jipprova dan il-fatt ghas-soddisfazzjon ta dan it-Tribunal;

Il-konvenuti resqu lil certu Patrick Falzon jixhed bl-affidavit peress li kien prezenti meta sar il-ftehim bejn il-konvenuti u Marlene Camilleri dwar l-oggetti mobbli li kienet sejra zzomm. Isemmi diversi oggetti pero jiftakar li diskors fuq bibieb qatt ma gie diskuss. Darren Tonna bin il-konvenuti jikkonferma dan u cioe li ma sar ebda diskors jew ftehim fuq il-bibien meta l-genituri tieghu xtraw l-appartament minnghand Marlene Camilleri. Ighid ukoll li fil-mument tal-konvenju kien hemm iz-zewg bibien inwahhla f’posthom filwaqt li mal-kuntratt sabuhom maqlughin u dana minnghajr il-permess taghhom. Sar jaf l-ewwel darba bil-pretenzjoni tal-attur meta gie ma persuna ohra biex jirtira xi oggetti miftiehma u dana zmien wara li sar il-kuntratt. Sa dak in-nhar la kien jaf lil Borg u anqas li kien qed jippretendi li l-bibien maqlugha kienu tieghu.

Il-konvenut Anthony Tonna jghid li fis-sentejn li ghaddew bejn id-data tal-konvenju u tal-kuntratt huwa ma kienx dahal fil-post. Fil-mument tal-konvenju l-bibien interni kienu kollha f’posthom – In segwitu kienu nqalghu minn posthom pero thallew fuq il-post. Fil-mument tal-kuntratt iz-zewg bibien in kwistjoni kienu ghadhom fil-post u Marlene Camilleri ma kienet semmietlu xejn dwarhom. Huwa minnu li Marlene kienet semmietlu fuq il-kuntratt li certi oggetti ma kienux taghha pero hija kienet indikat oggetti ohra u li dawn kienu ta Malcolm Craig u la semmiet lil huha u wisq anqas bibien. Ighid li meta l-attur kien gie biex jigbor l-affarijiet ta Craig mill-appartament

huwa ha mieghu oggetti ohra mhux miftiehma fuqhom inkluz wiehed miz-zewg bibien u beda jippretendi l-bieb l-iehor.
In kontro-ezami l-konvenut ighid li huwa kien inghata l-pussess u cwievet tal-appartament xi gimghatejn wara l-kuntratt peress li Camilleri kellha n-nies go fih u jekk kien dahal fl-istess qabel il-kuntratt dan dejjem ghamlu billi kienet tiftahlu Camilleri. Qatt ma kien hemm ftehim bil-miktub dwar x'oggetti kellha tiehu Mrs Camilleri u lil huha l-attur qatt ma kienet semmiethu maghhom.

Il-konvenuta Antoinette Camilleri tikkonferma in gran parti x-xhieda ta zewgha.

Il-konvenuti pprezentaw ukoll il-konvenju tal-appartament markat Dok AT1 u l-kuntratt markat Dok AT2. Filwaqt li l-konvenju esebit huwa illegibbli fuq il-kuntratt jidher li certament ma saret ebda riserva dwar il-bibien inkwistjoni u ghalhekk wiehed ghandu jippresupponi li l-akkwist tal-appartament kien jinkludi l-akkwist ta dak kollu li jinstab go fih.

Ghaldaqstant in vista tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, t-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jakkolji it-tieni u t-tielet eccezzjoni sollevati mill-konvenuti kwindi jichad it-talba tal-attur pero fuq bazi ta ekwita it-Tribunal huwa tal-fehma li l-ispejjes kollha ta din l-istanza ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------